**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-11 ta’ Diċembru 2015

Talba Numru: 260/12

Numru fuq il-Lista: 27

**Brian Xuereb**
**K.I. 514684(M)**

**vs.**

**Awtorità għat-Trasport Malta**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-27 ta’ Marzu 2012, li permezz tiegħu l-attur talab mingħand l-Awtorita` konvenuta il-ħlas tas-somma ta’ tliet mija u wieħed u għoxrin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€321.84), premess:

Illi l-attur jippremetti illi nhar is-7 ta' Ottubru 2010, waqt li kien għaddej bil-vettura tiegħu ossija Renault Laguna bin-numru tar-reġistrazzjoni FBC-648 minn Triq il-Mosta, in-Naxxar, l-istess attur sofra danni ammontanti għal tliet mija u wieħed u għoxrin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€321.84) rappreżentanti parts u tiswija tat-tyre, shock absorbers u suspensions tal-vettura surreferita, liema danni huma l-konsegwenza unika u diretta ta' ħofra ossija pot-hole fonda u perikoluża li kienet tinsab fil-karreġġata tat-triq;

Illi l-Awtorità intimata hija unikament responsabbli għall-manutenzjoni u s-sigurtà tat-triq indikata u konsegwentement, l-istess Awtorità intimata hija unikament responsabbli għall-ħsara ikkawżata fil-vettura tal-attur u dana peress illi din il-ħsara hija konsegwenza diretta tal-istat dilapidat li kienet tinsab fiha t-triq inkwistjoni, ossija Triq il-Mosta, in-Naxxar, liema triq taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorità intimata kif fuq premess;

Illi l-attur ipproċeda kontra l-Awtorità konvenuta permezz ta' ittra uffiċjali taħt il-provvediment tal-Artikolu 166A tal-Kap 12, ippreżentata fl-14 ta' Lulju 2011 għal liema ittra l-Awtorità konvenuta opponiet permezz ta' nota ppreżentata fit-28 ta' Lulju 2011;

Illi l-attur, permezz tal-preżenti, jitlob lill-Awtorità intimata sabiex tħallas lilu s-somma ta' tliet mija u wieħed u għoxrin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€321.84) rappreżentanti l-ammont dovut għall-ħsara kkawżata fil-vettura tal-attur kif fuq premess.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ppreżentata nhar l-14 ta' Lulju 2011 u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament.

Ra **r-risposta tal-Awtorità għat-Transport f'Malta,** ippreżentata fl-20 ta' April 2012, fejn hija eċċepiet:

1. Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorità konvenuta mhix responsabbli għall-inċident stradali allegat u għad-danni allegati u pretiżi mill-attur.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-danni allegati u pretiżi huma eċċessivi.

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż tar-risposta għall-ittra uffiċjali tal-attur taħt l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ddatata 28 ta' Lulju 2011, kontra l-attur li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Ra illi permezz ta' digriet mogħti minn dan it-Tribunal fis-17 t'Ottubru 2013, it-Tribunal laqa' t-talba għall-korrezzjoni fil-lokalita fejn seħħ l-akkadut biex minflok in-Naxxar, dan ġie jaqra Lija.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tat-8 ta' Mejju 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Provi**

Irriżulta illi l-attur li kien għaddej minn Triq il-Mosta, Lija bil-vettura tiegħu tat-tip Renault Laguna bin-numru tar-reġistrazzjoni FBC648, nhar is-7 t'Ottubru 2010, sofra ħsarat fl-istess vettura meta għadda minn ħofra fonda.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ħsarat li ġew sofferti jikkombaċaw sewwa mal-verżjoni tal-fatti kif mistqarra mill-attur u dana stante li l-ħsarat kienu fit-*tyre*, *shock absorbers* u *suspensions* tal-vettura msemmija.

Irriżulta, u dana ġie ippruvat sodisfaċentement permezz tar-riċevuti appożiti u wkoll bix-xhieda tal-persuni li wettqu x-xogħolijiet fuq il-vettura, li l-ispejjeż għat-tiswija tal-vettura laħħqu għas-somma ta' tliet mija u wieħed u għoxrin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu, sewwasew l-ammont mitlub permezz tal-avviż tat-talba.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ikkonsidra illi l-ammont pretiż mill-attur huwa wieħed raġjonevoli u mhux eċċessiv bħal ma ġie sottomess mill-Awtorita` konvenuta.

Ikkonsidra wkoll illi fuq ammissjoni tal-istess rappreżentant tal-awtorita konvenuta, it-Triq fejn seħħ l-akkadut hija responsabilita tal-Awtorita` konvenuta stante li hija triq arterjali u distributorja.

Jirriżulta illi x-xogħolijiet ta' manutenzjoni kienu qed isiru regolarment fl-imsemmija triq u dana stante li fix-xahar ta' qabel kienet għamlet ħafna xita. Saru tqegħid tat-tappieri li kienu nqalgħu bix-xita u wkoll it-tindif tal-*culverts*.

Fit-28 ta' Ottubru 2010 sar xogħol ta' *patching* bil-*cold asphalt* fl-istess triq u sussegwentement f'Jannar ta' wara sar *major patching* tat-triq.

Illi dan ix-xogħol ta' *patching* sar wara l-inċident li kawża tiegħu l-attur sofra d-danni u għalhekk tard wisq biex jiskolpa lill-Awtorita` konvenuta mir-responsabilita` tagħha.

M'hemmx dubju li ladarba t-triq kollha ġiet asfaltata f'Jannar 2011, il-kondizzjoni tat-triq fix-xhur preċedenti kienet waħda imwiegħra.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet hawn fuq esposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi u jiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-Awtorita` konvenuta.

Konsegwentement, it-Tribunal jikkundanna lill-Awtorita għat-Trasport f'Malta u jordnalha sabiex tħallas lill-attur Brian Xuereb is-somma ta' tliet mija u wieħed u għoxrin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€321.84), bl-imgħax legali dekorribbli mill-14 ta' Lulju 2011, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u nnumerata 2643/11, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċċitata, jkun a karigu tal-Awtorita` konvenuta.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur